MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 249/1995/1

**Carmelo Cardona.**

**vs.**

**Joseph Cardona u Anthony Cardona.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Frar 1995 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi fil-31 ta' Awissu 1982 miet Joseph Cardona u fil-20 ta' Lulju 1992 mietet Salvina Cardona, il-genituri tal-kontendenti, li rregolaw is-successjoni taghhom b'testment *unica charta* tal-24 ta' Marzu 1970 in atti nutar Joseph Abela (Dok. "A", "B", "C".)

Illi skond ir-raba’ artikolu ta’ l-istess testment t-testaturi innominaw bhala werrieta taghhom lill-kontendenti fi quota ndaqs bejniethom;

Illi l-attur ma jridx jibqa’ in komunjoni mal-konvenuti u jrid li jigi assenjat lil kull wiehed minnhom porzjoni ugwali mill-imsemmi assi ereditarju.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta’ l-imsemmija Joseph u Salvina Cardona nkluza l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom.

2. Taqsam l-assijiet rispettivi hekk likwidati fi tliet porzjonijiet ta’ valur ugwali.

3. Tassenja porzjonijiet hekk likwidati u divizi, f’pozzjoni ta’ terz (1/3) part kull wiehed mill-kontendenti.

4. Tinnomina okkorrendo periti ghall-likwidazzjoni u divizjoni, stimi u licitazzjoni mehtieg.
5. Tinnomina nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-Kuntratt relattiv.

6. Tinnomina kuraturi biex jipprezentaw lill-eventwali Kuraturi fuq l-art ta’ decizjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tad-diversi ittri interpellati kontra il-konvenuti illi huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda bid-dokumenti mehmuza a fol. 4 u 9 tal-process;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Marzu 1995 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-12 ta’ Gunju 1995.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Cardona u Anthony Cardona datata 28 ta’ Marzu 1995 a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-konvenuti jirrimettu ruhhom ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ghal dak li jirrigwarda t-talbiet numri (1) sa (6) imressqa fic-citazzjoni fuq citata, *stante* li huma zgur ma joggezzjonawx ghall-likwidazzjoni, divizjoni u finali assenjazzoni tal-porzjonijiet kompleti li jmissu lill-werrieta bhala sehemhom mill-assi ereditarji kollha tal-mejtin genituri tal-partijiet f'din il-kawza, Joseph u Salvina Cardona, wara li l-eccipjenti konsistentament ippreservaw ma' l-attur sabiex bonarjament u amikevolament jaslu ghall-istess likwidazzjoni, divizzjoni u assenjazzjoni, izda ma weriex il-*buona volonta'* sabiex jasal ghal ftehim.

2. Illi minn dan isegwi pero', li l-eccipjenti m'ghandhom isofru ebda spejjez peress illi huma ghamlu l-almu kollu taghhom ma' l-attur huhom Carmelo Cardona sabiex jintlahaq ftehim bonarju kif fuq inghad u jigu evitati spejjes gudizzjarji fil-bejgh b'licitazzjoni ta' l-uniku fond immobbli kompriz fl-assi ereditarji fuq imsemmija, izda l-attur ma weriex il-*buona volonta'* rikjesta fic-cirkostanzi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Joseph Cardona u Anthony Cardona u l-lista tax-xhieda a fol.13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-12 ta' Gunju 1995 a fol. 16 tal-process fejn deher l-attur assistit minn Dr John Buttigieg u l-konvenut assistit minn Dr Robert Vella Baldacchino. Inghata digriet fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex sa seduta ohra jissostitwixxi d-Dokument "A", a fol 6 tal-process b'kopja legali u jipprezenta r-ricerki testamentarji u ordnat lill-konvenuti biex sa l-ewwel differiment jipprezentaw kopja tad-denunzja relattiva. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghad-29 ta' Novembru 1995; u tat-29 ta' Novembru 1995 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Marzu 1996 ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Rat in-nota tal-konvenuti Joseph Cardona u Anthony Cardona datata 30 ta' Novembru 1995 a fol 18 tal-process li biha esebew kopja ufficjali tad-denunzja mahruga mid-dipartiment tat-Taxxi Interni mmarkata bhala Dok "JC".

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta' Marzu 1996 (fol 21) fejn dehru l-partijiet assistiti. Dr. John Buttigieg ghall-attur ipprezenta nota bi tliet dokumenti u talab ftit aktar zmien biex jipprezenta r-ricerka testamentarja. Id-difensuri talbu n-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jisthma l-uniku fond in divizzjoni cioe' dak f'numru 864, St. Joseph High Road, Hamrun. Inghata digriet fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku A.I.C. Fredrick Ellul sabiex jaghti d-deskrizzjoni u jaghmel stima ta' l-imsemmi fond u tat lill-Perit il-fakoltajiet li s-soliti jinghataw lill-periti fosthom dik li jisma' x-xhieda bil-gurament a spejjes provvizorjament ta' l-attur. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Mejju 1996 ghar-relazzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fl-20 ta' Marzu 1996 (fol 23) li permezz taghha esebixxa d-denunzja ta' Salvina Cardona u Joseph Cardona u kopja legali tat-testment.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-27 ta' Mejju 1996 (fol 32) fejn il-Perit Tekniku ddikjara illi f'dik il-gimgha kellu jipprezenta r-relazzjoni u l-kawza giet differita ghall-31 ta' Mejju 1996 ghar-relazzjoni; tal-31 ta' Mejju 1996 fejn dehru l-partijiet assistiti kif ukoll deher il-Perit Tekniku l-AIC Fredrick Ellul li halef ir-rapport. Dr. John Buttigieg ghall-attur ipprezenta nota b'zewg dokumenti u l-kawza giet differita ghall-24 ta' Gunju 1996 ghall-ezami tar-rapport.

Rat il-rapport tal-Perit Tekniku Fredrick Ellul ipprezentat fit-28 ta' Mejju 1996 (fol 34 sa 37).

Rat in-nota ta' l-attur datata 31 ta' Mejju 1996 (fol 42) li permezz taghha qal li huwa qed ihoss ruhu aggravat mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Fredrick Ellul u talab lill-Qorti sabiex tinnomina Periti Perizzjuri skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-24 ta' Gunju 1996 (fol 43) fejn il-partijiet u d-difensuri taghhom kienu prezenti. Inghata digriet fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attur maghmula bin-nota tieghu tal-31 ta' Mejju 1996 (fol 42) u nnominat lill-AIC Michael A Refalo, lill-AIC Albert Borg Costanzi u lill-AIC David Pace bhala Periti Addizzjonali biex jaghmlu stima tal-fond 864, St. Joseph High Road Hamrun, suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm3.50, 0 minn kull haga ohra liberu u frank kif ukoll biex jiddikjara jekk huwiex komodament divizibbli bejn it-tliet kontendenti kollox a spejjes provvizorjament ta' l-attur. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Ottubru 1996 ghar-relazzjoni.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Ottubru 1996 fejn il-kawza giet differita ghall-4 ta' Novembru 1996 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-4 ta' Novembru 1996 a fol 47; tad-29 ta' Novembru 1996 fejn dehru l-Periti Addizzjonali l-AIC Michael Angelo Refalo, l-AIC Albert Borg Costanzi u l-AIC David Pace li halfu r-rapport u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Jannar 1997 ghall-ezami tar-rapport.

Rat ir-rapport tal-Periti Perizzjuri tal-AIC Michael Angelo Refalo, AIC Albert Borg Costanzi u AIC David Pace pprezentat u mahluf fil-21 ta' Ottubru 1996 (fol 49) datat 21 ta' Ottubru 1996.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta' Jannar 1997 (fol 54) fejn deher il-konvenut Joseph Cardona assistit minn Dr. Robert Vella Baldacchino u deher ukoll l-attur. Il-Qorti rrilevat li ghalkemm il-Periti Addizzjonali kienu nkarigati biex jiddikjaraw jekk il-fond 864, St. Joseph High Road, Hamrun kienx komodament divizibbli, huma baqghu ma rrelatawx fuq daqshekk. Inghata digriet fejn il-Qorti rrimettiet l-process lill-Periti Addizzjonali biex huma jirrelataw b'mod car u tond jekk il-fond in kwistjoni huwiex komodament divizibbli. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Marzu 1997 ghar-relazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-5 ta' Marzu 1997 fejn dehru l-Periti Addizzjonali l-AIC Michael A. Refalo u l-AIC David Pace li halfu r-relazzjoni Addizzjonali. Il-Perit Addizzjonali l-AIC Albert Borg Costanzi rega' issejjah tliet darbiet ohra baqa' ma deherx. Il-Qorti tat digriet, awtorizzat lill-Perit Addizzjonali l-AIC Albert Borg Costanzi sabiex jahlef ir-rapport Addizzjonali fir-Registru tal-Qorti u l-kawza giet differita ghat-23 ta' April 1997 ghal dan l-iskop u okkorrendo ghall-ezami ta' dan ir-rapport.

Rat in-nota tal-Periti Addizzjoanli l-AIC Michael Angelo Refalo, AIC Albert Borg Costanzi u AIC David Pace pprezentata fil-31 ta' Jannar 1997 u mahlufa fil-5 ta' Marzu 1997 a fol 60 tal-process li permezz taghha kkonfermaw illi qablu mad-dikjarazzjoni tal-partijiet li saret waqt l-access minnhom mizmum, illi l-fond Nru: 864, St Joseph High Street Hamrun, mhuwiex komodament divizibbli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-23 ta' April 1997 (fol 61) fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi fid-divizjoni barra l-fond li gie stmat mill-Periti Addizzjonali hemm xi beni mobbili li qeghdin fil-pussess tal-kontendenti. Il-Qorti ordnat biex sa l-ewwel differiment il-kontendenti jipprezentaw nota guramentata li biha jindikaw il-beni li qeghdin fil-pussess taghhom kif ukoll dawk li qeghdin fil-pussess ta' haddiehor cioe` tal-partijiet l-ohra. Dr. Vella Baldacchino ddikjara illi l-flus li kien hemm ghall-qasma diga` gew divizi. Dr. Buttigieg ghall-attur iddikjara li ma jaqbilx ma dan u ghandu jaghmel verifika. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Gunju 1997 ghal dan l-iskop.

Rat in-nota tal-konvenuti Joseph Cardona u Anthony Cardona pprezentata fis-17 ta' Gunju 1997 a fol 64 li biha pprezentaw dikjarazzjoni guramentata konsistenti f'elenku nventarju ta' l-effetti mobiljari li l-konvenuti jafu li huma komprizi fl-assi ereditarji tal-mejtin genituri taghhom il-konjugi Joseph Cardona u Salvina Cardona.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-30 ta’ Gunju 1997 (fol 69) fejn Dr. Robert Vella Baldacchino ghall-konvenut prezenti ddikjara li l-oggetti kollha ndikati fl-inventarju a fol 65, 66, 67 u 68 huma kollha fil-pussess tal-konvenuti, sintendi ghad eskluzzjoni ta’ dawk illi fl-istess inventarju jinghad li huma neqsin. Dr John Buttigieg ghall-attur prezenti, pprezenta nota li fiha ndika l-oggetti li mhumiex dikjarati fl-inventarju pprezentat mill-konvenuti. Id-difensuri talbu li jipprezentaw il-provi taghhom bil-proceduri ta’ l-affidavit u wara jsiru l-kontro-ezamijiet. Inghata digriet fejn il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Jannar 1998 ghall-provi kollha tal-partijiet bil-procedura ta’ l-affidavit.

Rat in-nota tal-konvenuti **Joseph Cardona u Anthony Cardona** datata 29 ta’ Dicembru 1997 a fol 79a tal-process li biha pprezentaw affidavits bi tliet dokumenti mmarkati Dok ‘JC1’, Dok ‘JC2’ u Dok ‘JC3’, liema affidavits gew sfilzati b’digriet tal-Qorti tat-23 ta’ Marzu 1998 (ara verbal a fol 84).

Rat in-nota ta’ l-attur datata 5 ta’ Jannar 1998 a fol 79b tal-process li biha ddikjara li ried jirriseva l-kontro-ezami ta’ Joseph Cardona u Anthony Cardona wara li pprezentaw l-affidavits taghhom.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-7 ta’ Jannar 1998 (fol 80) fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-provi kollha ta’ l-attur bil-proceduri ta’ l-affidavit sat-23 ta’ Marzu 1998 u l-kawza giet differita ghat-23 ta’ Marzu 1998 ghal dan l-iskop.

Rat in-nota ta’ l-attur **Carmel Cardona** tas-17 ta’ Marzu 1998 a fol 82A tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-23 ta’ Marzu 1998 fejn dehru l-partijiet assistiti. Inghata digriet fejn il-Qorti ordnat l-isfilz ta’ affidavit a fol 72 u 73 flimkien mad-dokumenti esebiti mieghu a fol 74, 75, 76, 77 u 78 billi dawn m’humiex

skond il-ligi. Dr Robert Vella Baldacchino ghall-konvenut talab illi jinghata differiment biex ikun jista' jipprezenta l-affidavit tal-konvenut skond il-ligi. Dr John Buttigieg ghall-attur ghamel proposta ta' transazzjoni u Dr Vella Baldacchino ddikjara li din il-proposta ghandha tigi kkonsidrata u bi hsiebu jzomm inkontru fuq daqshekk. Inghata digriet u l-Qorti laqghet it-talba u ddiferixxiet il-kawza ghall-prezentata ta' l-affidavits tal-konvenut u okkorrendo ghat-trattazjoni ghall-25 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 30 ta' Marzu 1998 (fol 86) li biha ddikjaraw li riedu jaghmlu l-kontro-ezami ta' l-attur in segwitu ta' l-affidavit li huwa pprezenta.

Rat in-nota tal-konvenut **Joseph Cardona** datata 30 ta' Marzu 1998 (fol 88) li biha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-konvenut **Anthony Cardona** datata 30 ta' Marzu 1998 (fol 94) li biha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta' Carmelo Cardona datata 15 ta' April 1998 (fol 99) fejn bija ddikjara li ried jirriserva l-kontro-ezami ta' Joseph Cardona u Anthony Cardona.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' Mejju 1998 a fol 100 tal-process fejn deher l-attur assistit minn Dr. John Buttigieg u l-konvenut Joseph Cardona assistit minn Dr. Robert Vella Baldacchino. Il-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li sar inkontru bejn l-avukati u l-partijiet u saret kontroproposta li qieghda tigi kkonsidrata. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Ottubru 1998 ghall-probabbli cessjoni; tat-23 ta' Ottubru 1998; tal-5 ta' Frar 1999; tas-26 ta' Mejju 1999 u tat-12 ta' Jannar 2000.

Rat l-ordni ta' din l-Qorti kif attwalment presjeduta datata 19 ta' Mejju 2000 fejn iddifferixxiet il-kawza ghall-5 ta' Ottubru 2000 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-5 ta' Ottubru 2000 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Robert Vella Baldacchino ghall-konvenut

iddikjara li baqghalu jaghmel biss xi domandi lill-attur u Dr. John Buttigieg ghall-konvenut iddikjara li baqghalu bhala xhieda lill-attur, lil martu, rapprezentanti tal-banek kollha u tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghal-24 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-24 ta' Jannar 2001 fejn dehru l-partijiet u Dr. Buttigieg ghall-attur. Xehdu l-konvenut in ezami **Joseph Cardona** (fol 111a sa 111d) u in kontro-ezami (fol 112 sa 126)**,** l-attur **Carmel Cardona** (fol 126a 126f) u l-konvenut **Tony Cardona** (fol 126g sa 126j). Dr. Buttigieg u l-konvenuti ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Dr. Robert Vella Baldacchino issejjah tliet darbiet baqa' ma deherx u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Marzu 2001 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-13 ta' Marzu 2001 (fol 127) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet li talbu differiment ghall-probabbli transazzjoni. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-30 ta' Mejju 2001; tat-30 ta' Mejju 2001; tat-2 ta' Ottubru 2001;
tat-22 ta' Novembru 2001; u tal-24 ta' Jannar 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti (a fol 132) fejn il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-11 ta' Marzu 2002 fejn deher l-attur u Dr. Robert Vella Baldacchino ghall-konvenuti. L-attur iddikjara li f'Jannar li ghadda hu u hutu konvenuti ffirmaw il-konvenju ghall-bejgh tal-fond 864, St. Joseph High Road Hamrun. Dr Vella Baldacchino ddikjara li ma kienx infurmat b'dak l-izvilupp minghand il-klijenti tieghu u ghaldaqstant talab differiment sabiex jirregola ruhu. Deher il-konvenut Joseph Cardona li kkonferma l-iffirmar tal-konvenju. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Gunju 2002 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-19 ta’ Gunju 2002 (fol 135) fejn dehru l-partijiet u d-difensur tal-konvenuti Dr Robert Vella Baldacchino. Il-Qorti wara li semghet is-sottomissjoni tal-partijiet, innominat lil Alfred P. Camenzuli bhala espert tekniku a spejjes provvizorjament ta’ l-attur biex jezamina l-mobbli elenkati u ppropona skema ta’ divizjoni taghhom bil-fakolta’ li jisma’ x-xhieda bil-gurament. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-17 ta’ Jannar 2003 (fol 137) fejn deher l-attur assistit minn Dr. John Buttigieg u Dr. Robert Vella Baldacchino ghall-konvenut. Il-Qorti ordnat lill-espert Alfred Camenzuli jiffinalizza l-inkarigu tieghu. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Marzu 2003.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghad-9 ta’ April 2003 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-9 ta’ April 2003 (fol 139) fejn deher Dr. John Buttigieg ghall-attur. Il-Qorti fuq talba ta’ Alfred Camenzuli ssostitwixxiet dan l-espert bil-Perit Valerio Schembri. Il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Gunju 2003 ghar-rapport; tat-3 ta’ Gunju 2003; tas-26 ta’ Novembru fejn dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Il-partijiet impenjaw ruhhom li sa differiment li jmiss ghandhom jiddikjaraw sa fejn jestendi l-qbil taghhom dwar il-konsistenza ta’ l-assi. Sussegwentament deher il-Perit Valerio Schembri u nforma l-Qorti li l-oggetti li ghandhom jigu stmati ma jaqghux taht il-kompetenza professjonali tieghu. Il-Qorti fuq talba ta’ l-istess irrevokat l-inkarigu tal-Perit u ordnatlu jirritorna l-inkartament. Il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Jannar 2004 ghal dan l-iskop.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 7 ta’ Jannar 2004 a fol 142 tal-process li biha *stante* li l-process ghadu ghand il-Perit Valerio Schembri u lista ta’ l-oggetti qieghda fil-process u

*stante* li l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenut Joseph Cardona, huwa ma jistax jindika l-qbil tieghu dwar il-konsistenza ta' l-assi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-23 ta' Jannar 2004 (fol 143) fejn dehru l-partijiet assistiti. Dr Vella Baldacchino ghall-konvenut Joseph Cardona ddikjara li l-oggetti ndikati a fol. 79 jinsabu kustoditi ghand l-istess Joseph Cardona. Il-kawza giet differita ghan-nomina ta' Perit Tekniku biex jisthma l-oggetti mobbli ndikati a fol 79 tal-process ghas-16 ta' Marzu 2004; tas-16 ta' Marzu 2004 fejn Dr Vella Baldacchino ghall-konvenut ippreciza ghall-verbal tas-seduta precedenti li l-effetti mobbiljari li jiffurmaw parti mill-assi tal-wirt tal-mejtin genituri tal-partijiet illum jinsabu ghand il-partijiet infushom u mhux esklussivament ghand l-konvenut Joseph Cardona. L-attur Carmelo Cardona informa lill-Qorti li n-naha attrici hija lesta li tiltaqa' mal-konvenuti bi skop li l-pendenza tigi transatta u jigu evitati aktar spejjes. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' April 2004 ghall-possibbli transazzjoni; tas-27 ta' April 2004 (fol 145) fejn fuq talba tal-partijiet il-Qorti laqghet it-talba u nnominat bhala stimatur lil Thomas Vassallo biex jaghmel stima ta' l-oggetti in kontestazzjoni u dan fil-prezenza tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-23 ta' Gunju 2004; tat-23 ta' Gunju 2004 fejn il-Perit gie awtorizzat jikkonferma r-rapport tieghu fir-Registru b'dan li t-terminu kontemplat fl-artikolu 677 jibda jidekorri mis-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghat-8 ta' Lulju 2004 ghall-hlas u konferma tar-rapport; tat-8 ta' Lulju 2004 fejn l-espert Ivan Vassallo pprezenta u kkonferma r-relazzjoni tieghu u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghas-27 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-rapport u d-dokumenti mehmuza ta' l-espert Ivan Vassallo mahluf u pprezentat fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2004 a fol 148 sa 155 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-27 ta' Ottubru 2004 (fol 156) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet li nfurmaw lill-Qorti li ghadha tezisti kontestazzjoni fuq xi mobbli li

ghadha ma saritx stima dwarhom u jkun oppurtun li qabel ma l-perit jinghata nkarigu addizzjonali jinstemghu provi f’dan ir-rigward. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi li kellha tiffissa zewg seduti mad-difensuri ghal dan l-iskop. Il-kawza giet differita ghad-18 ta’ Jannar 2005; u tat-18 ta’ Jannar 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi fil-25 ta’ Novembru 2004 fejn xehed l-attur **Carmelo Cardona** (fol 158 sa 162); tal-11 ta’ Frar 2005 fejn kompla jixhed l-attur **Carmelo Cardona** (fol 168 sa 170) u l-konvenut **Joseph Cardona** (fol 171 sa 175).

Rat ir-rikors tal-konvenuti Joseph Cardona et datat 21 ta’ Frar 2005 a fol 176 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizza lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi tiffissa zewg seduti ohra halli l-konvenuti jkunu jistghu jressqu l-provi taghhom dwar il-mobbli li fuqhom ghadha ma saritx stima. Il-Qorti rat li l-kontro-parti m’opponiex ghat-talba, laqghet it-talba fid-digriet taghha tat-28 ta’ Frar 2005 a fol 177.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta’ Marzu 2005 (fol 180) fejn deher Dr. R. Vella Baldacchino ghall-konvenuti li nforma lill-Qorti li hemm bzonn aktar seduti ghall-konkluzjoni tal-provi u l-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi; u tat-22 ta’ April 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fil-5 ta’ April 2005 fejn xehed **Anthony Cardona** (fol 184 sa 192) u **Joseph Cardona** (fol 194 sa 199); tal-10 ta’ Mejju 2005 fejn xehed **Carmelo Cardona** (fol 202); **Joseph Cardona** (fol 204 sa 213); tal-14 ta’ Ottubru 2005 fejn xehed **Joseph Cardona** (fol 228), **Anthony Cardona** in kontro-ezami (fol 230 sa 232), u rega’ xehed **Joseph Cardona** (fol 233 sa 239), **Carmelo Cardona** (240 sa 242), u ta’ **Maple Cardona prodotta mill-attur** (fol 243 u 245).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-6 ta' Gunju 2005; tad-19 ta' Ottubru 2005 a fol 246 fejn dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom. Il-partijiet qabblu li sas-seduta li jmiss ser jipprezentaw nota kongunta ndikati l-assi mobbli li dwarhom ghad hemm kontestazzjoni. L-attur impenja ruhu li jingungi lill-espert Thomas Vassallo in eskussjoni. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Jannar 2006 ghal dan l-iskop.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti attwalment presjeduta datata 13 ta' Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2006 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat in-nota ta' Carmelo Cardona datata 18 ta' Jannar 2006 a fol 269 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut Joseph Cardona et datat 27 ta' Jannar 2006 a fol 273 fejn talab lill-Qorti joghgobha okkorrendo tawtorizza l-konvenuti jipprezentaw nota taghhom dwar l-assi mobbli li dwarhom ghad hemm kontestazzjoni ghall-ahjar istruzzjoni tal-process, u tiddeferixxi s-smiegh tal-kawza ghal data ohra ulterjuri.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti kif presjeduta tal-31 ta' Jannar 2006 fejn ipprefiggiet lill-konvenut ghan-nota ta' l-attur – datata 18 ta' Jannar 2006 a fol 267 tal-process – u ordnat lill-konvenut jipprezenta nota fi zmien 15-il gurnata millum dwar dak minnu ndikat fl-istess rikors tieghu u dak indikat fin-nota msemmija attrici, bin-notifika ta' kollox lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-2 ta' Frar 2006 a fol 275 fejn deher Dr. John Buttigieg ghall-attur prezenti. Dr. Vella Baldacchino ma deherx peress li talab differiment, il-konvenut prezenti. Dr. Buttigieg ghamel referenza ghall-elenku a fol 150 tal-process. Il-Qorti tat zmien lill-konvenuti sabiex jipprezentaw nota fejn jindikaw l-assi mmobbli li dwarhom ghad hemm kontestazzjoni (*vide* rikors 27 ta' Jannar 2006) b'kopja lill-attur jew lid-difensur tal-kontro-parti. Xehed **Ivan Vassallo** (fol 276 sa 281) in eskussjoni u l-

kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta' Marzu 2006.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Cardona et pprezentata fil-15 ta' Frar 2006 a fol 281.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Marzu 2006 fejn prezenti kien hemm il-partijiet u d-difensuri taghhom. Dr. John Buttigieg ghall-attur talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Carmelo Cardona datata 24 t'April 2006.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti datata 8 ta' Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza bejn tlett ahwa fejn wiehed minnhom l-attur Carmelo Cardona qed jitlob il-likwidazzjoni u d-divizzjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri taghhom Giuzeppi Cardona li miet fil-31 ta' Awissu 1982 u ta' ommhom Salvina Cordina nee' Borg li mietet fl-20 ta' Lulju 1992. Il-konvenuti jghidu li huma riedu li l-istess assi ereditarji jigu likwidati u divizi fi tlett porzjonijiet ugwali, izda minkejja l-fatt li din il-kawza ilha pendenti mit-22 ta' Frar 1995, u cjoe' il-fuq minn hdax-il sena u nofs, il-partijiet minkejja li hadu diversi differimenti sabiex jittransigu l-kawza baqghu

dan ma ghamluhx, u din kienet dovuta wkoll ghall-pika esegerata ta' bejniethom, kif il-process tal-kawza jindika b'mod mill-iktar car.

Illi dwar l-istess ma hemm l-ebda dubju u fil-fatt ma huwiex kontestat li l-eredita' ta' l-istess kunjugi Cardona, genituri tal-kontendenti hija regolata b'testment *unica charta* datat 24 ta' Marzu 1970 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela li jinsab esebit *inter alia* a fol. 6 tal-process bhala Dokument "A" (kopja awtentikata a fol. 24 *et sequitur* tal-process) u fejn l-istess kontendenti gew istitwiti eredi fi kwoti ndaqs bejniethom, u fil-fatt kull parti ghandha terz mill-istess assi ereditarju mertu tal-kawza odjerna.

Illi ma hemm ebda dubju wkoll li l-iktar proprjeta' ta' relevanza fl-imsemmija eredita' kien il-fond 864, Saint Joseph High Road, Hamrun li gie valutat mill-periti perizjuri fl-ammont ta' Lm30,500 (kif jidher mir-relazzjoni a fol. 52 tal-process) izda fortunatament ghal-istess kontendenti, dwar dan intlahaq ftehim b'dan li l-fond gie mibjugh lill-terzi fil-mori tal-kawza u r-rikavat ta' l-istess gie maqsum bejn il-kontendenti f'porzjonijiet indaqs bejniethom.

Illi kull ma kien baqa' kien il-mobbli li kien hemm fl-istess fil-mument tal-mewt ta' ommhom fl-20 ta' Lulju 1992, u f'dan is-sens hemm diversi allegazzjonijiet minn parti u l-ohra kemm dwar il-konsistenza dwar l-istess u wkoll allegazzjonijiet ta' parti jew ohra hadet oggetti provenjenti mill-istess eredita' u kien ghalhekk li l-istess partijiet qatt ma wasslu sabiex jittransigu din il-kawza kif ukoll il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti anke diversament presjeduta juru bl-iktar mod car, u wkoll verbali u atti kollha esebiti fl-atti processwali. Bizzejjed jinghad li b'verbal tal-24 ta' Jannar 2001 l-partijiet kien ivverbalizzaw li ma ghandhomx provi izjed u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghat-13 ta' Marzu 2001; izda l-partijiet minflok talbu differiment ghall-tranzazzjoni li baqghet ma sehhitx sakemm fid-19 ta' Gunju 2002, talbu minflok in-nomina ta' espert tekniku sabiex jezamina l-mobbli, jistma l-istess u tigi pprezentata skema ta'

divizjoni, li *in verita'* baqghet ma saritx u kull ma sar kienet stima ta' xi oggetti kif jidher mir-rapport ta' l-espert tekniku Ivan Vassallo li gie nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta, liema rapport jinsab esebit a fol. 148 sa 153 tal-process u qed issir riferenza ghalih.

Illi jirrizulta li l-oggetti kollha provenjenti mill-istess eredita' kienu kollha jinsabu fid-dar tal-genituri tal-kontendenti fil-mument tal-mewt ta' ommhom u li kien il-konvenut Joseph Cardona li kien baqa' jghix fl-istess dar, sakemm din l-istess inbieghet fil-mori tal-kawza kif inghad. Jidher li l-attur pero' kellu kopja tac-cavetta ta' l-istess dar almenu sa  meta inbieghet fl-24 ta' Mejju 2002 u allura jidher li huwa wkoll kellu access ghall-istess dar

Illi l-attur jallega li l-konvenut Joseph Cardona ha diversi oggetti mill-istess dar; fl-istess stima l-oggetti kollha *ticked* jinsabu fil-pussess tal-konvenut Joseph Cardona,  kif huwa stess ammetta fis-seduta tal-11 ta' Frar 2005, u fejn hemm il-kliem *"rejected"* fl-istess rapport dawn huma oggetti li ma kienux ghadhom jezistu. Hemm diversi allegazzjonijiet dwar deheb, u dawn l-allegazzjonijiet huma dwar oggetti ta' ammont sostanzjali, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma gewx lanqas ippruvati li kienu jezistu fid-data tal-mewt ta' ommhom, u fil-fatt xejn mill-valur allegat ta' cirka Lm6,000 bhala deheb ma gie denunzjat mill-ebda wiehed mill-partijiet u dan kif jidher mid-denunzji rispettivi tal-genituri tal-partijiet numru 3250/90 u 4239/82 rispettivament u fil-fatt hawn issir riferenza ghal fol. 19 u 30 tal-process. Dan huwa ammess fix-xhieda moghtija mix-xhud Joseph Cardona u *in verita'* bla ebda mod ma hija kontradetta mill-kontendenti l-ohra f'din il-kawza.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti thoss li dak li gie pruvat bhala l-assi ereditarju tal-kunjugi Cardona, l-genituri tal-kontendenti huma biss l-oggetti kollha li huma indikati fir-rapport ta' l-espert tekniku Ivan Vassallo u mahluf minnu fit-8 ta' Lulju 2004 u li l-istess mobbli jikkonsistu f'dawk l-oggetti li jinsabu ittikjati fl-istess lista, u l-oggetti l-ohra indikati bhala *"rejected",* li ma ghadhomx jezistu minhabba li spiccaw u dawn kif jinsabu elenkati a fol. 150 sa 153 tal-process u dawn jinkludu wkoll id-deheb

indikat a fol. 151 tal-process miktub bil-kulur orangjo u wkoll il-magna tal-hjata li tinsab indikata bhala Dok. “M1” a fol. 193 tal-process.

Illi abbazi tal-premess u l-valuri hemm indikati din il-Qorti *arbitro boni viri* tassenja u tiddividi l-istess oggetti bejn il-kontedenti bil-mod segwenti:-

Illi din il-Qorti tassenja lill-Carmelo Cardona l-oggetti kollha indikati a fol. 150 tal-process konsistenti f’zewg fanali, zewg brazzi, sufan tal-qasab, tavolina tal-qasab, tlett siggijiet tal-qasab, mejda ta’ l-ikel tal-kewba, vetrina parigg, pozapjatti parigg, *fridge*, linfa, *cooker* ta’ l-elettriku GEC, mizien tal-kcina, sikkina tal-hobz imserrqa, tlett *dinner sets*, erba’ kwadri, mera ovali bi *frame* tal-*ferro battuto*, arlogg tal-pendlu tal-hajt, ghadd ta’ tazzi u plattini, zewg settijiet buqari, mera ottangonali bl-ixkaffa tahtha, armarju, tlett recipjenti tat-te’, kafe’ u zokkor, u banju tal-*plastic*, sett ghamara tas-sodda, konsistenti fi gwardarobba bil-mera, lavaman bil-mera u bil-wicc roza, komodina ghaz-zraben b’mera u komodina (*dressing table*) b’mera, u oggetti ohra indikati f’pagni ohra ta’ l-istess rapport u process partikolarment a fol. 152 tal-process, konsistenti l-istess oggetti fi statwa ta’ Minerva, tlett bicciet ta’ ghodda konsistenti f’moxt, pala u zappun, magna tal-hjata Singer tas-saqajn, erba’ sodod tal-hadid tal-wiehed, assortiment ta’ twapet, hames siggijiet u mejda b’wicc tal-formika, tlett siggijiet bi *frame* tal-hadid, arlogg *hallers* ta’ fuq l-ghamara, *needlework box*, *ironing board*, zewg plakki b’figurini tal-hajt, *four step ladder*, zewgt islielem, curkett wiehed tad-deheb.

Illi lil Joseph Cardona qed jigi assenjat sufan tappizzat ahmar, zewg pultruni tappizzati ahmar, zewg siggijiet tappizzati ahmar, *cocktail cabinet*, vetrina, gradenza, zewg brazzi, linfa kbira, linfa mdaqqsa, zewg pupi, par statwetti Zulus, zewg pultruni miksija bir-*rexine*, pultruna tal-qasab, siggu zghir tal-qasab, kwadru kbir – pajsagg, mera ovali, *floorstand ashtray*, erba’ gastri bil-fjuri/ward tal-plastik, sodda ta’ tnejn, zewg komodini, gwardarobba kbira, twaletta, gwardarobba zghira, *floorstand lamp*, tavolina, zewg banketti, gradenza (*sideboard*) arlogg

Mercedes ta' fuq l-ghamara, erba' brazzi, inkwatru zghir tal-metall, bjankerija u purtieri, zewg ritratti tal-genituri kuluriti, *wall fittings*, zewg gandlieri zghar bi tlieta, inkwadru ta l-ahhar cena, zewg fugurini zghar, hames inkwadri u wiehed ovali, *heater* "GEC", u l-magna tal-hjata ta' idejn immarkata u ndikata fid-dokument "M1" a fol. 193 tal-process, u ic-curkett l-iehor tad-deheb u ritratt tal-genituri iswed u abjad.

Illi Anthony Cardona qed jigu assenjati vetrina kbira (*bookcase*) vetrina zghira, armarju, tavolina, pozaumbrella, lampa tal-pitrolju tat-tubu twil, zewg lampi tal-pitrolju tal-hajt, tromba, tlett xkupilji ghall-hwejjeg, torc, seba' brazzi mal-hajt, u *brouch* u brazzuletta, u ritratt tal-genituri iswed u abjad.

Illi dwar l-oggetti l-ohra imsemmija minn kull parti, kemm fix-xhieda taghhom u kemm fin-noti ta' osservazzjonijiet jew atti ohra processwali, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-ebda parti ma rnexxielha tipprova l-allegazzjoni jew allegazzjonijiet minnha vantanti fir-rigward ta' l-istess u ghalhekk in kwantu l-istess talbiet jirreferu ghal xi oggetti ohra, dawn qed jigu kkunsidrati bhala michuda peress li mhux ippruvati – u b'hekk il-parti li vvantat l-istess ma ssodisfatx l-oneru ta' prova li kien jinkombi lilha *in vista* tal-massima li min jallega irid jipprova.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn deciz, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u s-sitt talba attrici u dan peress li ma hemmx iktar bzonnhom peress li l-unika immobbli fl-assi ereditarju mertu tal-kawza odjerna gie mibjugh fil-mori tal-kawza, u **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Joseph u Salvina Cardona nkluza l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti

bejniethom u tiddikjara li l-istess kien jikkonsisti fil-fond 864, St. Joseph High Road, Hamrun, li gie mibjugh mill-kontendenti fil-mori ta’ din il-kawza, u li r-rikavat tieghu inqasam bejn il-kontendenti u l-oggetti kollha li huma indikati fir-rapport ta’ l-espert tekniku Ivan Vassallo u mahluf minnu fit-8 ta’ Lulju 2004 u li l-istess mobbli jikkonsistu f’dawk l-oggetti li jinsabu ittikjati fl-istess lista, u l-oggetti l-ohra indikati bhala *“rejected”,* li ma ghadhomx jezistu minhabba li spiccaw, inkluz id-deheb indikat a fol. 151 tal-process miktub bil-kulur orangjo, u kif dawn l-oggetti kollha jinsabu elenkati a fol. 150 sa 153 tal-process u wkoll il-magna tal-hjata li tinsab indikata bhala Dok. “M1” a fol. 193 tal-process.

2, 3, u 4. Tilqa’ it-tieni, t-tielet u r-raba’ talba attrici fis-sens hawn deciz iktar il-fuq f’din id-decizjoni b’dan li fil-waqt li tiddikjara li l-immobbli 864, St. Joseph High Road, Hamrun, bi ftehim bejn il-partijiet gie mibjugh mill-kontendenti fil-mori ta’ din il-kawza, u li r-rikavat tieghu inqasam ukoll bejn il-kontendenti, abbazi wkoll ta’ dak indikat dwar il-mobbli iktar il-fuq f’din id-decizjoni, nkluz il-valuri moghtija mill-espert tekniku u *arbitro boni viri* tassenja u tiddividi l-istess oggetti bejn il-kontendenti bil-mod segwenti:-

(a) Illi din il-Qorti tassenja lill-Carmelo Cardona l-oggetti kollha indikati a fol. 150 tal-process konsistenti f’zewg fanali, zewg brazzi, sufan tal-qasab, tavolina tal-qasab, tlett siggijiet tal-qasab, mejda ta’ l-ikel tal-kewba, vetrina parigg, pozapjatti parigg, *fridge*, linfa, *cooker* ta’ l-elettriku GEC, mizien tal-kcina, sikkina tal-hobz imserrqa, tlett *dinner sets*, erba’ kwadri, mera ovali bi *frame* tal-*ferro battuto*, arlogg tal-pendlu tal-hajt, ghadd ta’ tazzi u platini, zewg settijiet buqari, mera ottangonali bl-ixkaffa tahtha, armarju, tlett recipjenti tat-te’, kafe’ u zokkor, u banju tal-plastic, sett ghamara tas-sodda, konsistenti fi gwardarobba bil-mera, lavaman bil-mera u bil-wicc roza, komodina ghaz-zraben b’mera u komodina (*dressing table*) b’mera, u oggetti ohra indikati f’pagni ohra ta’ l-istess rapport u process partikolarment a fol. 152 tal-process, konsistenti l-istess oggetti fi statwa ta’ Minerva, tlett bicciet ta’ ghodda konsistenti f’moxt, pala u zappun,

magna tal-hjata Singer tas-saqajn, erba’ sodod tal-hadid tal-wiehed, assortiment ta’ twapet, hames siggijiet u mejda b’wicc tal-formika, tlett siggijiet bi *frame* tal-hadid, arlogg *hallers* ta’ fuq l-ghamara, *needlework box*, *ironing board*, zewg plakki b’figurini tal-hajt, *four step ladder*, zewgt islielem, curkett wiehed tad-deheb.

(b) Illi din il-Qorti tassenja lil Joseph Cardona bhala sehmu mill-istess assi ereditarji s-sufan tappizzat ahmar, zewg pultruni tappizzati ahmar, zewg siggijiet tappizzati ahmar, *cocktail cabinet*, vetrina, gradenza, zewg brazzi, linfa kbira, linfa mdaqqsa, zewg pupi, par statwetti Zulus, zewg pultruni miksija bir-rexine, pultruna tal-qasab, siggu zghir tal-qasab, kwadru kbir – pajsagg, mera ovali, *floorstand ashtray*, erba’ gastri bil-fjuri/ward tal-plastik, sodda ta’ tnejn, zewg komodini, gwardarobba kbira, twaletta, gwardarobba zghira, *floorstand lamp*, tavolina, zewg banketti, gradenza (*sideboard*) arlogg Mercedes ta’ fuq l-ghamara, erba’ brazzi, inkwatru zghir tal-metall, bjankerija u purtieri, zewg ritratti tal-genituri kuluriti, *wall fittings*, zewg gandlieri zghar bi tlieta, inkwakdru ta’ l-ahhar cena, zewg figurini zghar, hames inkwadri u wiehed ovali, *heater* “GEC”, u l-magna tal-hjata ta’ idejn immarkata u ndikata fid-dokument “M1” a fol. 193 tal-process, u ic-curkett l-iehor tad-deheb u ritratt tal-genituri iswed u abjad.

(c) Illi fl-ahharnett din il-Qorti tassenja lil Anthony Cardona bhala sehmu mill-istess assi ereditarji l-vetrina kbira (*bookcase*) vetrina zghira, armarju, tavolina, pozaumbrella, lampa tal-pitrolju tat-tubu twil, zewg lampi tal-pitrolju tal-hajt, tromba, tlett xkupilji ghall-hwejjeg, torc, seba’ brazzi mal-hajt, u *brouch* u brazzuletta, u ritratt tal-genituri iswed u abjad.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha peress li l-unika fond immobbli inbiegh fil-mori tal-kawza.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha peress li l-unika fond immobbli inbiegh fil-mori tal-kawza.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, l-attur ghandu jhallas terz ta' l-ispejjez kollha tal-kawza u l-konvenuti Joseph Cardona u Anthony Cardona ghandhom jhallsu wkoll kull wiehed terz ta' l-ispejjez tal-kawza, b'dan ghalhekk li kull wiehed mill-kontendenti odjerni ghandu jhallas terz mill-ispejjez kollha tal-kawza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------